



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2012/2322(INI)

29.4.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-logħob tal-azzard online fis-suq intern
(2012/2322(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ivo Belet

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-ħarsien tal-minorenni milli jkunu esposti għal loġħob tal-azzard online għandu jibqa' objettiv politiku ewlieni; jenfasizza l-bżonn li jiġu implimentati, fl-Istati Membri kollha, standards stretti u affidabbli għall-verifika tal-età u tal-identità, abbażi ta' metodi li dehru li huma effettivi f'xi Stati Membri, u li jkun żgurat monitoraġġ xieraq biex utenti mhux identifikati u l-lagħgħaba tal-azzard minorenni jinżammu milli jaċċedu għal prodotti tal-azzard mill-bogħod u milli jipparteċipaw fihom; jindika l-importanza tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri;
2. Jirrifjuta l-ħolqien ta' suq intern tal-loġħob tal-azzard online b'servizzi transkonfinali, u jirreferi għall-każistika konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE; għandu dubji dwar il-valur miżjud ta' direttiva tal-UE dwar l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-lagħgħaba u ż-żgħażaġh; madankollu, jitlob li jkunu infurzati b'mod effettiv l-istandards għoljin li diġà jeżistu fl-Istati Membri, u jappella sabiex lill-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-Istati Membri biex jikkooperaw b'mod aktar intensiv fl-infurzar tal-liġi;
3. Jitlob li jiġu mfassla u implimentati miżuri li jippermettu lit-tfal u liż-żgħażaġh jiksbu u jiżviluppaw iktar kompetenza diġitali; jemmen li l-introduzzjoni ta' korsijiet skolastiċi maħsuba biex jgħallmu liż-żgħażaġh dwar l-aħjar użi tal-internet tista' tagħti aktar ħila lill-utenti biex jiproteġu lilhom infushom kontra l-vizzju tal-loġħob tal-azzard online;
4. Jenfasizza r-rwol importanti tal-edukazzjoni, is-servizzi tal-pariri u l-ġenituri għall-qawmien tal-kuxjenza dwar is-suġġett tal-loġħob tal-azzard online u l-konsegwenzi tiegħu fuq il-minorenni;
5. Jitlob li l-operaturi jkunu obbligati juru twissijiet ċari, prominenti u espliċiti lill-minorenni, li jgħidu li l-loġħob tal-azzard online huwa illegali għall-minorenni;
6. Ifakkar li kważi 2 % tal-popolazzjoni Ewropea tbat mill-vizzju tal-loġħob tal-azzard; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-aċċess faċli għal websajts tal-azzard online aktarx ikompli jkabbar dan il-perċentwal, speċjalment fost iż-żgħażaġh; iqis, għalhekk, li għandhom jiġu infurzati miżuri preventivi effiċjenti għall-konsumaturi vulnerabbli, bħall-implimentazzjoni ta' limiti stretti fuq id-depożiti u fuq it-telf li jiġu stabbiliti mill-persuna li tkun qed tilgħab innifisha, u l-evalwazzjoni mill-Istati Membri ta' kull prodott tal-loġħob tal-azzard offrut mill-operaturi tal-loġħob tal-azzard online; dan il-proċess ta' valutazzjoni għandu jwassal għal regolamentazzjoni aħjar, jew saħansitra l-abolizzjoni ta' prodotti tal-loġħob tal-azzard online fil-każ ta' theddida sostanzjali għall-konsumaturi vulnerabbli;
7. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu liċenzjar obligatorju komprensiv tal-prodotti tal-loġħob tal-azzard u jistabbilixxu aġenziji regolatorji nazzjonali li jaħdmu kontra l-loġħob tal-azzard illegali u l-korruzzjoni fl-isport u joħorġu liċenzji għall-prodotti tal-loġħob tal-azzard; iqis li tali aġenziji għandhom jikkooperaw mill-qrib fil-livell internazzjonali;

8. Jindika li huwa partikolarment faċli li persuna ssir ivvizjata fuq il-logħob tal-azzard online, minħabba l-anonimità tal-lagħgħba online, il-fatt li servizzi tal-logħob tal-azzard online huma disponibbli il-ħin kollu kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll soċjali. Konsegwentement jinħolqu riskji ħafna akbar għal konsumaturi vulnerabbli u b'mod partikolari ż-żgħażaġh; jenfasizza li dawn il-karatteristiċi jagħmlu dan il-vizzju inqas viżibbli mill-vizzju tal-logħob tradizzjonali; għaldaqstant iħeġġeġ lill-operaturi biex bħala rekwiżit obligatorju jinkludu, fil-paġna ewlenija tas-siti tal-logħob tal-azzard online, ħolqa għal informazzjoni online dwar il-vizzju tal-logħob tal-azzard u opportunitajiet biex tinkiseb l-għajnuna professjonali relatata;
9. Jemmen li għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li membri aktar vulnerabbli tas-soċjetà ma jipperikolawx aktar il-mezzi ta' għajxien tagħhom minħabba l-logħob tal-azzard;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tistudja, flimkien mal-Istati Membri, il-possibilità li jinħoloq mekkaniżmu komuni ta' awtoesklużjoni fl-UE kollha li permezz tiegħu, min jilgħab ikun jista', b'mod volontarju u sempliċi, jeskludi lilu nnifsu mis-siti kollha tal-logħob tal-azzard online li joperaw fl-UE; din il-faċilità għandha tkun magħmula viżibbli b'mod ċar fis-siti kollha li joffru servizzi ta' logħob tal-azzard online;
11. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jistabilixxu perċentwal minimu ta' qligħ mil-logħob tal-azzard biex jitqassam lill-organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-prevenzjoni tal-vizzju, jew li jipprovdu pariri dwaru;
12. Hu tal-fehma li hemm korrelazzjoni perikoluża bejn il-perjodi kruċjali tal-kriżi ekonomika u żieda fil-logħob tal-azzard; iqis li huwa neċessarju, għalhekk, li jsir monitoraġġ kontinwu u bla waqfien tal-fenomeni tal-vizzju tal-logħob tal-azzard u ta' mard relatat miegħu;
13. Jirrakkomanda li ssir distinzjoni ċara bejn l-attivitajiet tal-logħob tal-azzard u forom oħra ta' divertiment online; is-servizzi li jinvolvu karatteristiċi distintivi tas-settur tal-logħob tal-azzard għandhom jidħlu fl-ambitu ta' leġislazzjoni xierqa tal-logħob tal-azzard u jirrispettaw bis-sħiħ il-mekkaniżmi li jivverifikaw l-età u l-identità;
14. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li jeħtieġ jiffasslu metodi effiċjenti ta' sorveljanza tal-imħatri, filwaqt li jitqies l-iżvilupp mgħaġġel tal-ambjent online, iżda jenfasizza wkoll l-importanza li d-data personali tal-utenti tiġi mħarsa mill-potenzjal ta' abbuż;
15. Jemmen li r-reklamar tal-logħob tal-azzard sikwit huwa preġudikat u jiżgwida, u jista' jwassal għal imġiba negattiva u dannuża; iqis, għalhekk, li dan ir-reklamar għandu jsir aktar responsabbli u għandu jiġi regolat sabiex jiġu limitati l-effetti aktar invażivi tiegħu, li jaffettwaw l-ewwel u qabel kollox lill-aktar persuni vulnerabbli;
16. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fir-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar ir-reklamar responsabbli tal-logħob tal-azzard, sabiex il-minorenni jinżammu milli jilagħbu u sabiex jiħarsu persuni vulnerabbli, projbizzjoni fuq reklamar qarrieqi tas-servizzi tal-logħob tal-azzard online immirat apposta għall-minorenni u persuni vulnerabbli oħra, b'mod partikolari fuq il-mezzi tax-xandir soċjali;

17. Jitlob li reklamar soċjalment responsabbli tal-logħob tal-azzard online ikun permess biss għal prodotti tal-logħob tal-azzard li huma legali; jemmen li qatt m'għandu jkun permess li jsir reklamar għal servizzi ta' logħob tal-azzard online li jesaġera l-probabilità ta' rebħ, għax b'dan il-mod tingħata impressjoni falza li l-logħob tal-azzard hu strateġija raġonevoli biex wieħed itejjeb il-qagħda finanzjarja tiegħu; jemmen li r-reklamar għandu jinkludi informazzjoni ċara dwar il-konsegwenzi ta' sitwazzjoni fejn wieħed ma jkunx jista' jirreżisti l-logħob tal-azzard;
18. Jenfasizza li d-definizzjoni ta' format għal reklamar li ma jagħmilx ħsara u r-regoli għat-tixrid tiegħu huma kruċjali biex iżommu lil persuni taħt it-18-il sena mil-logħob tal-azzard u għall-ġlieda kontra l-logħob tal-azzard problematiku u kompulsiv;
19. Jinnota li, filwaqt li hemm diversi sorsi ta' qligħ mil-logħob tal-azzard li jmorru għall-isport, l-organizzazzjonijiet sportivi jirċievu ammont ta' flus relattivament baxx, fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, minn attivitajiet ta' mħatri kummerċjali, minkejja li l-isport huwa l-qasam ta' attività ewlenija tal-imħatri online; jitlob lill-Kummissjoni tniedi inizjattiva għar-rikonossiment tad-drittijiet tal-proprjetà tal-organizzaturi tal-kompetizzjonijiet tal-isports, sabiex jiġi żgurat introjtu ġust għall-federazzjonijiet tal-isports; jirrakkomanda li l-Istati Membri jistabilixxu perċentwal minimu komuni ta' qligħ mill-imħatri fuq l-isport biex jitqassam lill-federazzjonijiet sportivi, li għandhom jiżguraw il-finanzjament sostenibbli għall-isports fil-livelli lokali u solidarjetà bejn attivitajiet sportivi differenti;
20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li parti mill-qligħ mil-logħob tal-azzard tiġi allokata għall-appoġġ tal-isports fil-livell lokali;
21. Jenfasizza l-importanza tal-finanzjament mil-logħob tal-azzard għal kawżi ta' interess pubbliku (sport, kultura, proġetti soċjali, riċerka u kawżi oħra ta' interess ġenerali); jitlob li jiġu rikonossuti u meqjusa l-karatteristiċi speċifiċi u l-kontribuzzjonijiet sostenibbli mill-lotteriji għas-soċjetà fi kwalunwke approċċ koordinat fil-livell tal-UE; jenfasizza wkoll l-importanza tas-settur tal-lotteriji għall-ħolqien indirett tal-impjegi;
22. Jitlob li jkun hemm aktar kooperazzjoni fil-livell Ewropew, permezz ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri, l-operaturi tal-logħob tal-azzard u l-organizzazzjonijiet sportivi, biex jiġu identifikati u projbiti operaturi ta' logħob tal-azzard online involuti f'attivitajiet illegali bħax-xiri ta' logħob kif ukoll operaturi mhux awtorizzati li jipprovdu servizzi tal-logħob tal-azzard online illegalment; jenfasizza li hu vitali li jiġu indirizzati dawn il-problemi sabiex tkun issalvagwardjata l-integrità tal-isport fl-Ewropa;
23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkonkludu, fuq medda qasira ta' żmien, ftehim vinkolanti ambizzjuż ma' pajjiżi terzi, fil-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa, dwar il-ġlieda dinjija kontra l-kriminalità organizzata involuta fix-xiri tal-logħob, biex tiġi miġġielda l-manipulazzjoni tar-riżultati sportivi; jissuġġerixxi li jinħoloq ċentru (jew unità) kontra x-xiri tal-logħob, bil-kompitu li jiġbor, jiskambja, janalizza u jqassam il-fatt dwar ix-xiri tal-logħob, il-frodi fl-isport u forom oħra ta' korruzzjoni fl-isport, fl-Ewropa u lil hinn minnha, kif ukoll li jiġbor l-aħjar Prattiki fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport u l-promozzjoni ta' kunċetti ta' governanza tajba fl-isport;

24. Jinnota li x-xiri tal-logħob huwa kriminalizzat fl-Istati Membri kollha, u li n-nuqqasijiet ewlenin b'rabta mal-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' xiri tal-logħob huma nuqqasijiet operattivi; għaldaqstant jemmen li t-tqarrib tas-sanzjonijiet penali huwa essenzjali biex jiġi regolat is-settur tal-logħob tal-azzard onljani fl-Istati Membri kollha; għal dan il-għan jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti leġiżlattivi fir-rigward tad-definizzjoni ta' reati penali nazzjonali u sanzjonijiet li jikkonċernaw logħob tal-azzard online illegali u l-ġlieda kontra x-xiri tal-logħob u reati relatati fil-livell tal-UE biex titjeb ir-rata tal-każijiet li jsiru jafu bihom l-awtoritajiet, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali;
25. Jenfasizza l-fatt li l-ġlieda kontra x-xiri tal-logħob u forom oħra ta' frodi tal-isports għandha tkun iffokata fuq l-infurzar tal-liġi, l-edukazzjoni u l-prevenzjoni kif ukoll fuq l-implimentazzjoni ta' prinċipji bażiċi ta' governanza tajba, trasparenza finanzjarja u operattiva u responsabbilizzazzjoni; jirrikonoxxi li l-governanza sostenibbli ta' organizzazzjonijiet sportivi (clubs, leagues u federazzjonijiet) tnaqqas ir-riskju li dawn jisfgħu vittmi ta' xiri tal-logħob;
26. Jitlob li jkun hemm kodiċi ta' kondotta, bħala parti minn inizjattiva awtoregolatorja li tipprojbixxi lill-persuni kollha involuti f'avvenimenti sportivi u li jista' jkollhom influwenza diretta fuq ir-riżultati (b' mod partikolari l-players, il-coaches, ir-referees, il-persunal mediku u tekniku, is-sidien u d-diriġenti tal-clubs) milli jagħmlu mħatri fuq il-logħbiet jew l-avvenimenti tagħhom stess; f'dan il-kuntest, jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' sistemi ta' verifika tal-età u tal-identità stretti u affidabbli fil-livell tal-Istati Membri; jitlob lill-organizzazzjonijiet sportivi jużaw il-kampanji edukattivi u l-kodiċijiet ta' kondotta biex jedukaw, minn età bikrija, lill-isportivi, lir-referees u lill-uffiċjali dwar l-illegalità tal-manipulazzjoni tar-riżultati sportivi;
27. Jirrikonoxxi li l-isforzi fil-ġlieda kontra l-involvement tal-organizzazzjonijiet tal-isport f'attivitajiet korrotti bħax-xiri tal-logħob jew il-ħasil tal-flus, bħall-kodiċijiet tal-imġiba, jeħtieġ li jindirizzaw lill-gruppi kollha tal-partijiet interessati (l-uffiċjali, is-sidien, id-diriġenti, l-aġenti, il-players, ir-referees u l-partitarji) u lill-organizzazzjonijiet kollha (clubs, leagues, federazzjonijiet, eċċ.);
28. Ifakkar li l-ġlieda kontra x-xiri tal-logħob tibda bit-tixrid tal-informazzjoni u bl-edukazzjoni dwar l-impatt negattiv li x-xiri tal-logħob għandu fuq l-atleti, il-clubs, il-leagues u l-isports kollu kemm hu, għalhekk, jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni tal-parteċipanti interessati kollha fl-isport dwar ir-riskji relatati mal-imħatri fuq l-isport u dwar ix-xiri tal-logħob u jirrikonoxxi l-importanza li jiġu involuti organizzazzjonijiet speċifiċi bħall-għaqdiet sindikalisti tal-atleti u n-netwerks tal-partitarji;
29. Jilqa' l-proġetti edukattivi transnazzjonali sabiex jiġi miġġieled ix-xiri tal-logħob flivell dinji;
30. Jistieden lill-federazzjonijiet tal-isport u lill-operaturi tal-logħob tal-azzard jinkludu f'kodiċi ta' mġiba, projbizzjoni ta' mħatri fuq avvenimenti hekk imsejħa negattivi, bħalma huma karti sofor, penalties jew free kicks; jistieden lill-Istati Membri u lill-operaturi tal-logħob tal-azzard jipprojbixxu kull forma ta' mħatri fuq l-avvenimenti sportivi live, minħabba li deher li dawn huma vulnerabbli għax-xiri tal-logħob, u għaldaqstant joħlqu sogru għall-integrità tal-isport;

31. Jistieden lill-Kummissjoni biex fir-rakkomandazzjoni tagħha dwar il-logħob tal-azzard online tinkludi projbizzjoni ġenerali fuq l-imħatri fuq kompetizzjonijiet li jinvolvu l-minorenni, u jistenna li l-industrija tal-logħob tal-azzard online tirrispetta din il-projbizzjoni permezz ta' awtoregolamentazzjoni;
32. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jikkunsidraw projbizzjoni tal-forom kollha ta' manipulazzjoni ta' partijiet minn logħba, bħal logħob tal-azzard fuq corners, free kicks, throw-ins u karti sofor, peress li ntwera li dawn huma vulnerabbli ħafna għax-xiri tal-logħob;
33. Jitlob li jkun hemm obbligu ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn il-korpi sportivi, l-awtoritajiet pubbliċi, il-Europol u l-Eurojust, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, sabiex jiġu miġġielda attivitajiet kriminali transkonfinali fil-qasam tal-logħob tal-azzard online;
34. Jistieden lill-Kunsill jipproċedi b'ħeffa u b'ambizzjoni bin-negozjati dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu¹, u jindirizza kull tip ta' logħob tal-azzard, fosthom il-logħob tal-azzard online, għall-prevenzjoni tal-isfruttament tal-attivitajiet ta' mħatri sportivi online minn interessi kriminali għal skopijiet ta' ħasil tal-flus;
35. Jenfasizza l-fatt li l-atleti jeħtieġu mekkaniżmi ta' protezzjoni effettivi biex jopponu l-influenzi li jikkorrompu, fosthom is-salvagwardja tal-integrità morali u fiżika tal-atleti, kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u s-salvagwardja tas-salarji jew remunerazzjonijiet, inkluża projbizzjoni ta' parteċipazzjoni f'livelli differenti tal-kompetizzjoni għall-organizzazzjonijiet sportivi li b'mod regolari ma jwettqux dawn l-obbligi lejn l-atleti tagħhom.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.4.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Zoltán Bagó, Lothar Bisky, Piotr Borys, Jean-Marie Cavada, Mary Honeyball, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Emilio Menéndez del Valle, Marek Henryk Migalski, Katarína Neveďalová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Monika Panayotova, Gianni Pittella, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Hannu Takkula, László Tőkés, Helga Trüpel, Gianni Vattimo, Sabine Verheyen, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Belet, Stephen Hughes, Seán Kelly

¹ COM(2013) 0045.